MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2006

Numru. 428/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**versus**

**Reno Gatt**

1. Il-Qorti rat l-imputazzjoni dedotta kontra Reno Gatt ta' 56 sena iben Nazzareno u Anita nee Bartolo imwieled fl-20 ta' Frar 1947 residenti 50 Conception Street Cospicua detentur tal-karta ta' l-identita' 0239547 (M).

2. Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer cioe' fit-28 t'April 2002 u fil-jiem ta' qabel din id-data. b'diversi atti magħmula fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda

3. Mingħajr awtorita' legali jew mingħajr skuża legittima jew raġonevoli xtara jew irċieva minn għand xi persuni jew kellu fil-kustodja tiegħu biljetti tal-flus falsifikati u cioe'

instab li kellu fil-pussess tiegħu erba’ (sic tleit ) biljetti tal-flus waħda ta’ għaxar liri u tnejn ta’ ħames liri ‘l waħda falsifikati liema biljetti tal-flus huwa kien jaf li kienu falsifikati u dan bi ksur ta’ l-artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Liġijiet ta’ Malta

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedina penali ta’ l-imputat , il-verbal a fol 18 li fih intalbet korrezzjoni mill-Prosekuzzjoni, liema korrezzjoni kienet awtorizzata mill-Qorit u l-imputat a ruħu b’notifikat, l-istqarrija ta’ l-imputat, in-noti li fuqhom mxiet ix-xhud WPs 45 Marisa Bartolo, l-interrogatorju a fol 28, u l-verbal tat-22 ta’ Settmebru 2004 li fih inqraw l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali (fol. 77) u t-tweġiba ta’ l-imputat li hu ma kellu ebda oġġezzjoni li l-proċeduri jkunu sommarji.

5. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

6. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli Prosekutur u ta’ l-abbli difensur.

7. Rat il-verbal tas-6 ta’ Diċembru, 2005 li fih kien hemm id-differiment sabiex is-sentenza tinqara llum.

Ikkonsidrat

8. Li l-fatti tal-każ odjern huma dawn. Dahlet telefonata anonima ghand il-pulizija u l-ispettur Norbert Ciappara nhar it-28 ta’ April 2002 baghat in-nies biex isibu lill-imputat ghax kien hemm allegazzjoni li dan kien qed jipprova jghaddiehom go xi hwienet tax-xorb. Il-pulizija, iltqaqghu ma Reno Gatt, talbuh biex jaghmlulu tfittxija fuqu u hu stess infurmahom li kellu xi biljetti tal-flus foloz u li kien belaghhom minghand xi persuni li kien jaghtihom ix-xoghol biex ibieghuh fuq il-Monti. Meta ghamel l-istqarrija, l-imputat kien ko-operattiv hafna u ta spjegazzjoni kif kienu waslu il-flus ghandu.

Stqarrija ta’ l-imputat

Din saret l-ghada, 29 ta' April 2002 fid-9.48am. Huwa spjega li kien negozjant tal-merkanzija taz-zraben, hwejjeg u arloggi. Huwa qal li meta marru l-pulizija fuqu, kien huwa stess li qalilhom li kien bela' xi flus foloz. Huwa qal li tahomlu xi hadd mill-bejjiegha tal-monti meta jigu jhallsu wara li jispiccaw. Ma seta jwahhal f'ebda wiehed minnhom ghax meta jigu lura, huwa jara x-xoghol li jkun inbiegh u wara jithallas tieghu. L-imputat induna bil-flus foloz, il-bierah filghodu li jigi 28 ta' April 2002, li kien il-Hadd, meta mar biex ihallas lill-agent u qallu li kellu l-flus foloz. 'Mistoqsija: Ghax ma mortx taghmel rapport fl-ghassa tal-pulizija? Risposta : Jiena kont ser nistenna biex x'hin jigu biex ihallsu nar amin jerga jaghtini flus foloz u nkun naf min hu. Mistoqsija : Allura meta thallast bil-flus foloz? Risposta : Nghid li nhar ta' Sibt jiena naghti x-xoghol lill-bejjiegha tal-Monti u l-Hadd filghaxija jigu lura biex ihallsu.' Huwa qal li kien ser jiehu l-parir tas-surgent biex jixtri magna tal-flus.

Xehdet WPS45 Marisa Bartolo li qalet li kienu sabu lill-imputat gewwa Bormla fi club tal-footbal, ghamlulu tfittxija u minn gol-but tal-jeans kienu elevati zewg karti tal-LM5 u karta ta' LM10 li kien hemm suspsetti li kienu flus foloz. Il-flus ttiehdu d-depot ghal iktar investigazzjoni. Hija presentat in-notamenti li kienet qed tixhed minn fuqhom. Fuq mistoqsija tad-difiza jekk kienx Reno Gatt stess li qabad u tahom il-flus, ix-xhud qalet 'ghax jiena ghidtlu ohrog kull ma ghandek fil-but.' Lilhom tahomlom f'idejhom u kien kkopera hafna. Hija ma kinitx certa jekk kienx qalilha li kienu tawhomlu 'ghax ghandikun qisu jbiegh qisu tal-monti. Naf li jbiegh xi zraben jekk minix sejra zbaljata'. Lill-imputat hija kienet qaltlu 'jekk inti hadthom bhala hlas, xorta kont obbligat li tirraporta li gew fil-pussess tieghek u mhux tibqa tigri bihom fil-but gol-hanut' a fol 31. Ghall-mistqosija tad-difiza, kienx gie xi hadd iehor ihallas lix-xhud ma ftakritx.

Xhud tal-prosekuzzjoni iehor, PC579 Antoine Micallef, semma li fit-28 ta' April 2002 ghall-habta tal-5.30pm ghamlu tfittxija fuq l-imputat vicin l-ghassa ta' Bormla u minn fuqu elevaw xi flus allegatament foloz. Huwa ma

ftakarx jekk kienx qalilhom bil-flus minn jeddu. Kien ghadu kemm zarma minn fuq il-monti u kien ghadu kemm qalaghhom dak inhar stess. Huwa kkonferma li giet terza persuna ohra biex thallas lil Reno Gatt.

L-espert tekniku mahtur mill-Qorti, jigifieri is-Sur Martin Bajada kkonferma, u dan jidher a fol 54, li Dok NC1 kien nieqes minn kwalunkwe tip ta’ security features. L-istess jista jinghad ghal Dok MB2, kif ukoll ghal Dok MB3. Ghal hekk mill-analizi ta’ l-esebiti ta’ Dok NC1 kollu jirrisulta li dawn ma humiex il-karta tal-flus tal-valuta legali ta’ l-LM10 u Lm5 kif mahruga mill-Bank Centrali ta’ Malta.

Xehed ukoll Amante Farrugia li huwa rapresentant tal-Bank Centrali ta’ Malta li huwa qal li il-watermark ma tidhirx u flus genwini suppost ikollhom il-watermark bhala security feature. Dwar in-numbers, huwa qal li jekk tigi kkupjata, din ser tigi kkupjata minn fuq number iehor, jigifieri ma hemmx relevanza fin-numri. Issa, it-thread, hija dik il-hajta, pero x’hin suppost taghmilha kontra d-dawl, suppost tidher bhala rig shih. Fil-fatt hawn hekk ma kintix qed tidher hekk, bhal ma tidher fuq karta genwina. Huwa kompla fetah id-dokumenti l-ohra bil-permess tal-Qorti u qal li dawn ma kellhomx watermark u t-thread ma kinitx tidher bhala rig shih. Mistoqsi mill-avukat difensur huwa qal li huwa ufficjal fuq il-policy surveyance unit. Mistoqsi jekk the man in the street, setghax jinduna li dawn huma foloz, huwa wiegeb, ‘suppost kulhadd jiccekkja li ghandu flus tajba f’idejh.’ L-avukat difensur staqsieh jekk x’hin taqbad u tmissha tinduna, ix-xhud qal ‘jekk tmissha biss, difficli biex tinduna nahseb.’

Bhala xhieda tad-difiza, xehed l-imputat innifsu u imbghad huh. L-imputat qal li huwa jbiegh iz-zraben. Huwa ftakar li kienet gurnata l-Hadd ghax kien ghadu kif gej minn Ta’ Qali. Huwa qal li ftakar li kien il-Hadd ghax is-Sibt jghabbi l-van bix-xoghol bil-lest, jaghti x-xoghol lin-nies is-Sibt u l-Hadd jitla hu Ta’ Qali fl-4.00am. Huwa jzarma fit-3.00pm. Imbghad jara x’bejgh ikun sar u n-nies x’ghandhom jaghtuh tal-flus. Huwa qal li kienu gew tas-CID ghalih ghall-habta tas-7.30pm. Kienet marret is-surgent fuqu u qalet li kellha warrant biex tfittixlu droga. Huwa baqa

skantat u qal li kienu ccekkjaw il-flus hu u huh u sabu LM15 foloz, mhux LM20 kienu. Lis-surgent kien qalilha, 'hawn ara d-droga, ghadni gej minn gurnata xoghol u blajt LM15 foloz.' Staqsietu jekk hadhomx il-Bank u hu qalilha 'kif nista nehodhom il-bank illum il-Hadd' u talbithomlu. Huwa kien induna ghal xit-3.30pm il-Hadd stess ghax il-Hadd jaqbdu l-flus. Huwa jkun irid jara x'ghandu jaghti lis-sinjur u lil-lavranti. Huwa kien ma huh Pawlu ghax ma jafx jikteb meta induna bil-flus foloz. L-imputat kompla jghid li meta kienu marru l-pulizija, kien mar xi bejjiegh iehor b'xi LM200 u kien hemm pulizija minnhom li rah u hu jiftakru ghax jaf lill-papa tieghu bhala electrician. L-imputat qallu, 'ara b'ghajnejk ha, ha jaghtini l-flus u x-xoghol lura li fadallu.' U l-pulizija kien qallu 'vera'. Hu hawn fejn dahlet is-surgent u ssuggerietlu li jixtri magna tal-flus.

Inqratlu l-istqarrija, kkorega per ezempju a fol 88 u qal li l-isatement mhux vera li LM20 imma Lm15 u qal li ghandu x-xhieda ta' dan. Fil-kontro ezami kien mistoqsi ghala ma hax il-flus il-Bank la kienu ghaddew bejn wiehed u iehor mit-3.30pm meta nduna bil-flus foloz u is-7.30pm meta marru l-pulizija u l-imputat qal li meta jisma l-ahbarijiet jghidulhom li flus foloz huduhom il-bank u l-Hadd il-bank ma jiftahx.

Meta sar il-konfront dwar il-figura ezatta jekk hux LM15 jew Lm20, l-imputat qal li l-ispettur li kien qed jghamillu l-istatement, waqt li s-surgenta kienet kwazi fl-istess post, u hu lis-surgenta kien qal u qal li huma qalulu li kien hemm zball biex jirrangawh pero dan l-izball, il-pulizija ma rrangatux.

L-ahhar xhud tad-difiza kien hu l-imputat Paul Gatt li qal li kien qieghed fil-hanut St. Thomas Bar u f'daqqa wahda dahlu l-pulizija jfittxu. Huh stess qallu 'dahhal idejk gol-but, u ara xi blajt jien.' Dan ix-xhud qal li huh kien harighom minn gol-but u mhux haduhomlu l-pulizija. 'Tellaghhom hu minn gol-but u qallhom, ara xi blajt Ta' qali, kont qed inbiegh il-hwejjeg.' Il-prosekuzzjoni insistiet b'din il-mistoqsija 'Jekk nghidlek li hawn hekk ghandna surgent tal-pulizija li qed tghid li fittxewlu fuqu, u sabuhom xi tghid?' ir-risposta tax-xhud kienet 'Jiena rajtu jdahhal

idejh gol-but u hareg il-flus. Qallhom ara xi blajt Ta’ Qali, kont qed inbiegh il-hwejjeg. Issa kemm sabulu u ma sabululux u x’kellu iktar fuqu u x’ma kellux jiena ma nafx.’

Kunsiderazzjonijiet legali

L-artikolu ewlieni illi qed jigi akkuzat bih l-imputat huwa l-artikolu 45 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan jghid hekk ‘Kull min minghajr awtorita legali jew minghajar skuza legittima jew ragjonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzat) jixtri jew jircevi minghand xi persuna, jew ikollu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljett tal-flus falsifikat u jkun jaf li l-istess ikun falsifikat jehel, meta jinstab hati, prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn 13-il xahar u mhux izjed minn 5 snin.’ Mela l-elementi ta’ dan ir-reat huma, l-ewwel illi l-flus riedu jkunu foloz. It-tieni, li dawn ikunu fil-pussess ta’ l-imputat meta jaf li huma foloz. It-tielet, ma jkollu ebda raguni jew skuza legittima jew ragjonevoli li dawn qeghdin fuqek u lanqas ghandhom xi awtorita legali. Mill-ezami forensiku ma hemm l-ebda dubbju li l-flus huma foloz. It-tieni, kienu fil-pussess ta’ l-imputat ghaliex harighom minn go butu, jew minn jeddu jew inkella ghax intalab mill-pulizija. Li jibqa biex wiehed jara huwa t-tielet element li huwa jekk kienx hemm skuza ragjonevoli dwar dan il-pussess.

Il-Qorti tirreferi ghall-kawza deciza fil-25 ta’ Gunju 2001 mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali, Imhallef Onor Vincent Degeatano fl-ismijiet ‘Pulizija vs Kevin Gatt’, il-volum huwa LXXXV Part IV pagna 235. F’dan il-kaz, il-Qorti hadet konsiderazzjoni kemm ta’ fejn instabu l-flus foloz u dan kien fil-compact disc player fil-kcina, kif ukoll taz-zmien li skond l-imputat kienu ilhom xi gimgha fuqu. Dan kien ifisser li ghamel gimgha minghajr ma ha passi immedjati biex jehles minnha fis-sens li jiddistruggieha jew jikkonsenjaha lil xi awtorita. F’din ic-cirkostanza, il-Qorti qalet li l-imputat dak iz-zmien ma setghax jinvoka l-iskuza legittima jew ragjonevoli skond id-disposizzjoni 46 tal-Kap 204. Il-Qorti kompliet tghid:

‘Kien ikun differenti l-kaz, li kieku hu kien jaf min tahielu, u kien qed jistenna sakemm jerga jiltaqa mieghu biex jinsisti ghall-bqija valuta mhux falsifikata.’

F’dak il-kaz il-Qorti rriflettiet li kollox kien jindika li l-appellant kien sejjer imur idur l-istabbilimenti fejn allegatment kien is-Sibt ta’ qabel biex jipprova jirricikla dik il-karta.

Fil-kaz odjern il-verzjoni ta’ l-imputat fl-istqarrija hija illi kien ghadu kif irceva l-flus foloz u li kkorega kien flok ‘il-bierah filghodu’ kif qal fl-istqarrija, qal ‘il-bierah filghaxija.’ Hemm xi ftit tad-dubbju dwar jekk hu qabadx u tahom lill-pulizija jew inkella dawn elevawhomlu. Huwa punt importanti minhabba li wiehed ikun irid jara il-mens rea. Izda dubbju bhal dan, il-Qorti tirraguna li ghandha taghtih favur l-imputat. That l-Artikolu 46 din il-Qorti ser timxi mal-kaz citat f’dak li ghandu x’jaqsam dwar it-time factor, il-fattur tal-hin. Jekk wiehed jaccetta (a) illi l-flus foloz kienu f’idejn l-imputat bejn it-3.30pm u 7.30pm ta’ l-istess jum, dan ifisser li kien hemm 4 sieghat u ghal hekk wiehed jista jaccetta l-iskuza li peress li kien il-Hadd u kienu biss 4 sieghat ghandu u allura ma kellux ic-cans li jghaddiehom lil xi awtorita kompetenti. Punt negattiv kontra l-imputat huwa l-fatt li kien qed idur bihom barra flok ma halliehom id-dar, ghaliex il-mistoqsija tigi wahedha ‘x’inti taghmel iddur bi flus foloz fil-but barra?’

Il-Qorti wara li ezaminat sewwa l-Artikolu 45 bl-elementi li semmiet iktar qabel, qed thares lejn dak li skond l-istess disposizzjoni irid ikun ippruvat mill-akkuzat, jigifieri kellux xi skuza legittima jew ragjonevoli ghall-pussess ta’ flus foloz fuqu. Minn dak li semghet il-Qorti, hija sodisfatta li l-imputat pprova l-iskuza li kellu, almenu fuq bazi ta’ probabilta u dan ghaliex kien il-Hadd u kienu ghaddew ftit sieghat biss minn meta sar konxju li ghandu flus foloz. Ma ngabet ebda prova li l-imputat kien jaf li ghandu flus foloz qabel it-3.30pm. Ta’ min jghid ukoll li mhux kulhadd qed jaqbel dwar il-hin. Min jghid is-7.30pm, min jghid it-8.30pm u a fol 36 PC579 Antoine Micllef jghid li t-tfittxija saret fil-5.30pm.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 46 tal-Kap 204, l-Artikoli 18 u 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, qeghda tiddikjara li l-imputat ma kiser ebda wiehed minn dawn l-artikoli u ghal hekk qed tilliberah mill-akkuzi maghmulin fl-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-9 ta' Lulju 2004.

Il-Qorti qed tordna li l-flus foloz kollha li gew presentati ikunu distrutti fil-presenza ta' rapresentant tal-Bank Centrali ta' Malta. Kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbghat lir-Registratur tal-Qorti li wara irid jaghmel rapport dwar id-distruzzjoni, liema rapport irid jidhol fl-atti ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti mhux tapplika l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ghaliex l-imputat ma nstabx hati skond l-imputazzjonijiet u l-Artikoli dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------